# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**65.** **27 ta' NOVEMBRU 1909.** **IT-TIENI SENA**



FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-itt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena b'xejn; min ijsieħbu jseħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand il Fotografu VELLA u għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, it-tnejn fi Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**


# It-Taxxi Uaslu.

Il Gvern ħanin li għandna f'loc li jħabbel rasu ftit chif jarfa il poplu m'il għacs cbir li ŭaka fuku u li ma nafx fejn sejjer ijŭasslu jecc nibkgħu sejjrin b'd'il cantaliena, kiegħed, għal cuntrarju, jara chif jagħmel biex jixroblu il ftit ktar ta' demm li bakagħlu biex b'il flus li jiġbor minn fuk il għacs cbir tiegħu jagħmel it-torok u il cumdità lill militari.

Biss, billi il Gvern jaf li minn poplu magħcus bħal dan ma għandux fejn jagħfsu bl-oħxon kiegħed ijberren, b'il mod il mod, biex jara chif jisolħu b'irkiek, irkiek. F'loc li jtak-kagħlu taxxi ħoxnin li bihom ijgegħlu jokmos u jagħmel frat-tarija u b'hecc jasal f'ŭidnejn l-Inghilterra chif kiegħdin ijgibu irŭieħhom magħna l-impjegati ta'l Gvern li għandna, kiegħed jarda demm il poplu billi jieħodulu b'it-tingħiż ta'labar.

Nitchellmu actar ċar u inħallu il metafra f'il genb. Il Gvern jaf li jecc ijkankal taxxi ħoxnin f'ŭakt icreħ bħal dan il poplu jonfor bl-aħrax u jinqŭietah b'is-sħiħ; għalhecc kiegħed joħlok ħafna taxxi żgħar, ta' xelin jeŭ ftit iżjed, biex il poplu ma jonforx għad li fl-istess ħin ijcun kiegħed ijgħabbih b'it-taxxi l-istess u jerdagħlu demmu irkiek irkiek.

Ftit ilu tchellimt fuk it-taxxa li il pulizija kiegħda tiġbor minn fuk il clieb u ŭiegħidcom li ghandi nitħaddet aħjar. Da'l ġranet krajt f'il « *Gazzetta di Malta* » articolu irraġunat ħafna fuk dina il praspura u għalhecc ma irridx nibka bla ma nitniffes fukha billi nakbel ħaġa b'ħaġa miegħu.

Il Gvern snin ilu (1905) chien ħareġ Ordinanza (X) li biha chien żamm id-dritt li jista jitħallas ta' cull sensja li oħroġ m'il Pulizija, m'is-Sanità u m'id-Dŭana, iżda ma kalx, ŭaħda b'ŭaħda, chif chien ijmissu, liema huma is-sensji li chel-lhom jiġu intaxxati.

F'it-3 ta' Settembru li għadda ħarget *notificazzjoni* li biha inħalket it-taxxa fuk is-sensja ta'l clieb.

Mela issa cull minn ijrid ijżomm chelb ijrid ijħallaslu xelin taxxa ta's-sensja biex jżommu, f'is-sena, xelin ta'l midalja u sold ta'l boll, b'collox żeŭġ xelini u sold.

Minn banda billi jicber il ħlas ta's-sensja actar jonksu daŭc il ħafna clieb żejjda li ma humiex ħlief ijservu biex jatu il ktiegħi u jiscandalizzaŭ l'it-tfal u li, bħal ma ġara bosta drabi, jistgħu jcunu irrabbjati u jecc jigdmu lil xi ħadd ijmut irrabjat bħalhom, u dan in-nukkas jagħmel ħafna gid lill pajjis u l-actar l'pajjis sħun bħal dan u għalhecc actar pericu-lus. Iżda il pern ta'l qŭestjoni ma hux kiegħed haŭn. Allavolja il Gvern jagħmel taxxa għal gid ta'l poplu, għandu dritt jagħmilha? Dina it-taxxa fuk il clieb allavolja tagħmel gid lil pajjis hi magħmula scond il ħakk?

Nistudjaŭ ftit daŭn iż-żeŭġ punti.

Għal l-eŭŭel ŭieħed inŭiegeb li ilum billi il Gvern għandu favur tiegħu l-Ordinanza X ta'l 1905 *legalment* jista jagħmel taxxi żgħar chemm ijrid billi jista joħlok sensji chemm ijrid, iżda ma hu xejn seŭŭa li f'loc li daħal m'il bieb kiegħed jid-ħol m'it-tieka u b'daŭna il ħafna taxxi żgħar kiegħed jarda ġmielu demm il poplu magħcus ta' dana il pajjis.

Biss hemm min jidhirlu li billi daŭna is-sensji ma hemmx liema huma, daŭc li ma humiex imsemmijin ma għandhomx ijħallsu taxxa iżda għandhom jibkgħu miexjin b'xejn. Hi chif inhi, li il Gvern ra chif għamel biex ħolok dic l-Ordi-nanza biex biha jista jagħmel taxxi żgħar chemm ijrid u jcompli jgħattan il pajjis actar milli hu, hi ħaġa li ma iddokkli xejn, u nitma li il Cunsilieri jieħdu ħsieb dina il biċċa biex għallankas ijgegħlu il Gvern jiddicchiara m'il liema sensji bi ħsiebu jdaħħal taxxi.

Għa't-tieni mistoksija jidhirli li il Gvern ma chellu l-ebda dritt li jagħmel dina it-taxxa fuk is-sensja ta'l clieb; għaliex f'il-ligi ta'l clieb hemm li daŭc li jieħdu is-sensja għandhom ijħallsu xelin ta'l midalja. Issa ingħid jien chiecu min għamel il-ligi ried li titħallas is-sensja ucoll, bħal ma semma ix-xelin ta'l midalja chien ijsemmi il ħlas ta'l sensja ucoll. La ma semmiex għandna nifhmu li is-sensja chellha tintgħata b'xejn.

Issa il-ligi ta'l clieb (Ordinanza XVIII) ilha m'il 1888 u għal ŭieħed u għoxrin sena sħaħ dejjem fissru dic il-ligi li is-sensja għandha tintgħata b'xejn, possibbli li issa niżel xi daŭl ġdid minn x'imchien biex giegħilhom jifthu għajnejhom u jintebħu m'il iżbail li għal ŭieħed u għoxrin sena damu fih?

Mela dina it-taxxa il ġdida li il pulizija kiegħda tiġbor minn fuk il clieb fetħitilna għajnejna fuk żeŭġ ħŭejjeġ: ŭaħda li il Gvern kiegħed jagħmel taxxi fuk il poplu baxx, baxx u l-oħra li it-taxxa fuk is-sensja ta'l clieb ma hix scond il fehma ta' daŭc li għamlu il-ligi, fl-1888, għaliex chiecu dic il ħabta riedu li is-sensja titħallas chienu jgħiduh anzi kalu li dic il-ligi ma saretx biex toħlok taxxi ġodda iżda biex jonkos il periclu ta'r-rabja ta'l clieb. U dana għal-lum hu b'iż-żejjed biex jurina chif aħna maħcuma m'il Gvern ħanin li għandna.

# FRAC.

Fl-aħħar eżamijiet ta's-South Kensington rajt l-ismijiet ta' ħafna żgħażaħ Maltin li ħarġu bl-unur u fosthom hemm l-isem ta' żgħażuħ intelligenti ħafna Carmelu Cutajar minn Raħal Ġdid li ta eżami sabiħ ħafna fl-Architettura Navali. Nifrħilhom b'kalbi collha billi f'għajnejn l-Ingliżi nuru dejjem li aħna il Maltin ma aħniex daŭc il ħafna *natives* injuranti li jpinġunha ħafna minnhom.

★

Il għaref tabib ingliż Dr: Hadwen kiegħed jicteb ħafna articoli sbiħ fl-aħjar Gazzetti ta'd-dinja biex juri li il caġun ta'd-deni li jaħchem f'Malta ma hix il mogħża u il ħalib tagħha. Dan l-aħħar deher articolu tiegħu sabiħ ħafna f'il « CONTEMPORARY REVIEW » li fih m'hux biss taħħar ħafna l'it-tabib P.P. Agius, iżda ittraduċa bl-ingliż ŭieħed m'il articoli ta' dana li dehru fuk ir-*Risorgimento*. Dana it-Tabib Hadwen li tant kiegħed jaħdem favur tagħna biex ijneħħi minn fuk pajjisna dina it-tebgħa li ŭakgħet u li kerdet il ħobż ta' cull min chien ijgħix minn fuk il mogħoż u minn fuk il ħalib tagħhom, ħakku cull tifħir għaliex li chiecu it-tobba collha Maltin għamlu bħalu ma chienux ijħallu jitgħerrxu lil frustieri collha minn pajjisna u ma chienux ijħallu il għejniet ta' Malta jiġu iccundannati chif geŭ f'ħafna pajjisi. Iżda il famus Dipartiment Sanitarju li għandna għoġbu jifhimha hecc u il ħsara li ġrat hi bla kies.

★

Ŭara li cont ctibt l-articolu fuk it-taxxa ta'l clieb dehret Notificazzjoni oħra ta'l Gvern li biha kal li cull min jagħmel għand l-Avucat ta'l Curuna dichiarazzjoni b'il ġurament jeŭ jirriconoxxi firma, ijrid ijħallas TMINTAX IRBIGHI, u dina it-taxxa ġdida oħra hi mibnija ucoll fuk is-setgħa li il Gvern għandu scond l-Ordinanza X ta'l 1905. Milli kiegħdin taraŭ dic l-Ordinanza sejjra isservi il mezz biex il Gvern b'il mod il mod ijgħabbi il pajjis b'ħafna taxxi żgħar li miġburin flimchien jagħmlu taxxa ħoxna ħafna u dina bla ma jokgħod ijgibha kuddiem il Cunsilieri xejn.

Għaldakstant meta għedtilcom li it-taxxi ŭaslu ma għedtilcom xejn barra minn locu.

Minn żmien tŭil chien ilu jsir ħafna tgħemgħim minn nies ta'l ħŭienet ta'x-xorb, u b'ir-raġun collu, li biċċa m'il ħŭienet chien ijcollhom jagħilku f'il ħdax ta' b'il-lejl, għaliex inchella jecc jagħilku imkar ftit minuti ŭara jiddubbaŭ taħrica, u oħrajn jistgħu jibkgħu miftuħin sa's-siegħa jeŭ sa's-sagħtejn u daŭna m'hux biss fl-istess belt jeŭ raħal iżda fl-istess triek ucoll.

Dana ma chienx seŭŭa għaliex il-ligi għandha tcun l-istess għal cullħadd u il Pulizija ma għandhiex tiċħad lil ŭieħed dac li tati b'il kalb lill ieħor. L-Onor: Azzopardi P. L. ħa ħsieb dina il biċċa u chiteb lil Gvernatur fejn kallu li l-aħjar jagħmel ħin ŭieħed għal ħŭienet collha, u li min jakbillu jibka miftuħ ŭara jista jagħmlu billi jħallas xi ħaġa talli jcollu dic is-sensja. Il Gvernatur għoġbitu ħafna il proposta ta's-Sur Azzopardi u sejjer ijbiddel il-ligi b'dan il mod li jista jibka miftuħ ŭara il ħdax cull min ijrid basta jħallas ta' dina is-sensja barranija.

★

It-Tabib G. F. Inglott u il Pittur Ġużè Calleja huma ta' min ijfaħħarhom ħafna talli fuk il «Gazzetta di Malta» kiegħdin ijgibu daŭc il biografiji ta' nies imsemmija maltin. Dana jagħmel tajjeb ħafna għaliex il barranin ijcunu jafu li aħna tajna l'id-dinja ħafna nies cbar u għorrief, u lil Maltin jisŭielhom biex ijcunu jistgħu jagħmlu il kalb li jimxu fuk il mera tagħhom.

★

Da'l ġranet giet f'idejja l-opra il ġdida ta's-Sur Hardman li ħarget bl-ingliż fuk il miġja ta'l Franciżi f'Malta u fuk chif l-Ingliżi ħadu Malta. Jiena għadni ma krajthiex collha biex nista nitħaddet seŭŭa fukha; biss milli stajt nara s'issa is-Sur Hardman ma ġabarx ħlief daŭc id-documenti li kablulu u għalhecc dina l-opra ma jistax ijcollha preġju cbir bħala opra bla partit. Għad nitħaddtu aħjar il kuddiem.

★

Il poplu jixtiek jaf ħafna xorti fosthom daŭn li sejjer insemmi:—

1. Għala is-Sur Nin Dalli meta ŭieħed jistiednu biex jidħol f'polemica minngħajr mascra jistaħba u jħit ħalku biex imbagħad jinħeba taħt l-anonimu ŭara il colonni ta'l *Malta Tagħna* u jfittex li jieħu raġun ma' daŭc li jakraŭ *dac* il ġurnal billi jgħid ħafna ħŭejjeġ li ma humiex minnhom?

2. Għala is-Sur Dalli illum kiegħed ijgħid li il Consill Popolari ma hux legali, u m'hux biss hu membru tiegħu minn żmien tŭil iżda chien sa ftit ġranet ilu, kabel gegħluh jitlak, membru f'il Cumitat Esecuttiv?

3. Jecc is-Sur Ġużè Muscat-Azzapardi P.L. hux kiegħed jakra daŭc il ħafna articoli u documenti interessanti li kiegħed jippubblica fuk il «*Patriota*» is-Sur Dalli, u għala baka ħalku nimli bl-ilma fukhom? Jakaŭ għandu xi faħam miblul?

4. Jecc is-Segretarju hux kiegħed jakra daŭc il ħafna articoli li kiegħdin jidhru f'il gazzetti ingliżi fuk il-libell tagħna u l-actar l-articolu li deher dan l-aħħar fl-ABOLITIONIST u jecc bi ħsiebux jati ftit cas tagħhom?

★

Da'l ġranet f'il « Gazzetta di Malta » deher articolu sabiħ ħafna contra il Pulizija li għandna; u tatha xebgħa hecc kalila, b'ir-raġun collu, li ma nafx chif tista tkum minn taħta. Dana l-articolu uriena b'iċ-ċar żeŭġ ħŭejjeġ importanti ħafna: l-eŭŭel ŭaħda li ma hux tasseŭ li il « Gazzetta di Malta » hi

marbuta ma'l Pulizija u li meta tagħmel xi ħaġa ħażina dina il gazzetta ma issaūūatha katt; u it-tieni li il Pulizija li għandna, għad li hi imħallsa b'ħafna eluf ta' liri f'is-sena ma hix takdi b'iż-żejjed id-dmir tagħha chif imissha. F'dana l-articolu insibu illi m'is-serk li ġara ma' tul is-sena li għaddiet actar baka li ma inchixifx min għamlu milli inkabdu il ħatjin. Dina hi ħaġa li tagħmel għajb cbir lill Pulizija smargassa tagħna billi tħalli daūna il mijiet ta' ħallelin jiġru f'it-torok biex ijcunu jistgħu jagħmlu ħafna serk icħor f'ūakt icreħ bħal dan għal pajjis. Insibu ucoll f'dana l-articolu li ma tul is-sena li għaddiet il Pulizija ħarrchet ma'l ħamsa u tlietin elf ruħ għal contravvenzjoni li ħafna minnhom ma ijcunu taū fastidju lil ħadd. Naħseb jiena ucoll bħal « Gazzetta di Malta » li chiecu il Pulizija li għandna tirsisti biex takbad il ħallelin f'loc li taħlı ħafna żmien u carti ūara daūc li jagħmlu ħafna contravvenzjonijiet ta'ċ-ċajt, tagħmel ħaġa ūisk actar ta' fejda għal pajjis.

★

Da'l ġranet, b'inhar t'il Cnisja ta' Santu Ūistin ta'l Belt serku minn subgħajn l-istatūa ta' Santa Rita ħames ċriechet ta'd-deheb ūieħed minnhom b'fossa t'ad-djamanti. X'għarucaża ?

★

Ġaladarba il Gvern li għandna ma tkankalx biex jara x'jagħmel ħalli jtaffi il għacs li ūaka fih il pajjis, xi maltin ta' kalb tajjba ingħakdu f'Cumitat biex jaraū jecc jistgħux jinfdu f'dina il ħaġa tant meħtieġa huma; u għalhecc żammeū l-eūūel lakgħa f'is-sede ta's-« Società Economico-Agraria » fejn fost l-oħrajn tchellem is-Sur Varist Castaldi. Lil dana il Cumitat nixtieklu cull risk ħalli jasal fejn ūaħħal f'moħħu bħal ma nixtiek li naslu aħna f'xi ħaġa għal gid ta't-Tliet Ibliet b"il Cumitat li ūakkafna « Pro Cottonera » u li kiegħed jistenna il fejkan ta' Mons: Panzavecchia biex jati bidu għa'x-xogħol tiegħu.

★

Nirringrazzja b'il kalb l'is-Sur Fons Galea m'il ctieb "L-IS-TRINA" li għoġbu jibgħatli. Lil daūna il cotba ta'l "Mogħdija ta'ż-żmien" jiena faħħarthom chemm il darba għaliex jagħmlu gid ūisk u għalhecc ma hemmx bżonn intenni.

# Aħbarijiet ta' Barra.

**F'ir-Russja** d'is-sena ħadu kamħ ūisk iżda billi ma chellhomx vapuri ta' l-art b'iż-żejjed biex iġorruh il biċċa il cbira minnu kiegħda tinħela billi is-siġ kiegħed ijgħarrakha. Li chiecu chellhom biex ijfittxu jūassluh f'il portijiet chien il gid ta' cull-ħadd.

**M'il miniera ta' Cherry** salvaū ma'l mitt ruħ u għad hemm xi sebgħin oħra ħajjin iżda li ma jifilħux jitilgħu. Biex bakgħu ħajjin chellhom jixorbu l-ilma beda jnixxi m'il fil ta'l ħajt, u chieiu injam, gild ta'ż-żrabeh, caxxi ta's-sulfarini u cull ma sabu f'idejhom.

**F'Teneriffa** kiegħed ijħaġġeg vulcan u m'il erba bococ li infetħu nieżla xmara ta' lava li katt ma raū ūaħda bħala billi hi ūiesgħa elf u tliet mitt pied u ġa csiet ma't-tliet mili u nofs.

**F'Messina** raġa għamel terremot actarx kaūūi u tgħeżżiża kaūūija inħasset f'il Gżejjer Canarji.

**F'Catanja** biex jaraū opra f'teatru marru tant nies li kamet frattarija cbira u il pulizija ma setgħetx iżżommhom. Hemm minn kala b'il ponn jeū b'il bastun u hemm sa tlieta feruti.

**Virginja Reiter**, il famusa attrici, li chienet sejjra minn Skallija għal pajjisha corriet fejn Cannitello billi inkata vagun t'al vapur-ta'l-art u ħabat b'saħħa cbira.

**Is-Surmast ta'l musica Perosi** ftit ilu mietlu missieru li chien tant ijħobbu u dana Dun Laūrenz ħass tant ugiegħ ta' kalb għal dina it-telfa li chiteb *oratorju* sabiħ ħafna li semmieħ *In Patris Memoriam* u il sejjer jatih f'Napli f'Mejju li ġejj. Bi ħsiebu jicteb ucoll dramm fuk it-terremot ta' Messina b'il musica b'collox.

**F'Madrid** it-Teatru ta'z-Zarzūela kabat u barra m'il faċċata inħarak collu. Nies ma hemmx mejjta iżda il ħsara hi cbira.

**F'l'Inghilterra** tkanklet gūerra cbira bejn il Camra ta'l Lordi u il Camra ta'l Comuni fuk il Bilanċ. Il poplu ixxeūūex collu għaliex ma jrikx li ir-Re jeū il-Lordi jindaħlulu f'it-trigija ta' pajjisu u ūisk nibża li fuk dina il biċċa sejjrin jitkanklu ħafna xenati coroħ.

**Fi Buenos Ayres** ūieħed anarchicu tafa bomba ta'd-dinamite f'il ħin li chienet għaddejja il carrozza ta'l Cap ta'l Pulizija Falcon u ferietu. Ftit ūara miet b'il feriti li chellu. L-anarchicu ħareġ revolver u spara għal grieżmu bla ma miet. It-tobba kiegħdin jagħmlu chemm jistgħu biex ijsalvaūh. Ūara dan il Cocsill ta'l Ministri iltaka u għamel f'il belt l-istat ta'l assedju.

**Il Premju Nobel** ta'l Fisica dina is-sena kasmuh bejniethom Marconi li ivvinta it-telegrafu minngħajr fildiferru u il Prof: Ferdinandu Braun, ta' Strasburgu, li għamel ħafna studji u progressi sbiħ fuk dina l-invenzjoni.

**Is-Sultan Manūel** ta'l Portugall mar l-Inghilterra fejn gie milkugħ b'ferħ cbir.

**Fi Vienna**, belt capitali ta'l Aūstrija, ġara delitt icreħ ħafna billi xi ħadd li għadhom ma jafux min hu bagħat lill captani ta'l Artillerija pilloli b'iċ-ċjanuru ta'l potassa biex joktolhom collha, għad li ma irnexxielux joktol ħlief ūieħed biss billi l'oħrajn ma belgħuhomx. Jaħsbu li dina hi il vendetta ta' xi ħadd li ried jilħak captan ucoll u ma irnexxielux billi ma għaddiex m'il eżami u b'dana id-delitt li jūaħħax ried jagħmel il ūisa biex jilħak f lochom.

**"It-Tribuna"** tgħarrafna b'cas icreħ ħafna li ġara ftit ilu f'il belt ta' Crispina, fl-Italja. Ūieħed bidūi xūejjaħ chien għaddejj f'il campanja minn kuddiem niċċa ta'l Madonna x'ħin kala il cappell biex ijsellmilha. Bidūi ieħor lemħu jsellem lill Madonna u m hux biss beda jiddieħak bih iżda ħa il chelb li chellu miegħu u riedu b'il fors ijbus lil Madonna. F'dakka ūaħda dana il bidūi ibies donnu biċċa għuda u c hellhom jieħduh id-dar f'carrozzin. It-tobba irnexxielhom ijnaħħulu l-ebusija ta' gismu, iżda il bidūi minnufih beda jinbaħ bħal chelb tiegħu b'mod li ūaħħax lil cull min chien hemm u għadu jinbaħ sa'l-lum.

**F'Liegi**, belt f'il Belġju, student ta'l chimica katel lil ūieħed xieħ billi meta chien rieked xeħitlu għal xi żmien fuk rasu ir-raġġi ta'r-radju. Dina hi l-eūūel darba li ġeū użati daūn ir-raġġi biex joktlu in-nies bihom.

# FLAKKIT.

**Il Cżar ta'r-Russja** darba ħa żball icreħ ŭisk. Resskulu kuddiemu zeŭġ *ukase*, igifieri żeŭġ ordnijiet biex jagħmel Curunell il ŭieħed m'il fizzjali l-actar maħbubin tiegħu u l-ieħor biex ijneħħi minn fizzjal lil ŭieħed ieħor u jibagħtu is-Siberja billi xeŭŭex contra tiegħu. L-ismijiet f 'daŭna iż-żeŭġ *ukase* ma chienux imniżżla u il Cżar chif chien aljenat niżżel isem f 'loc ieħor u għalhecc billi ħadd minn ta' ma dŭar il Czar ma chellu il ħila li jnebbħu bl-iżball li ħa, il fizzjal maħbub tiegħu gie magħluk f 'il ħabs kalil ta' San Pietru u Paŭl u il fizzjal l-ieħor, f 'loc li mar il ħabs, laħak Curunell hu. Ŭara xhur il Cżar għemghem ma' xi ħadd minn ta' ma dŭaru li il fizzjal ħabib tiegħu minn mindu laħħku Curunell katt ma gie jarah iżjed u lankas biss biex jirringrazzjah. Imbażża, imbażża l-ieħor tarraflu bl-iżball li għamel. Il Cżar kabat minnufiħ carrozza, mar jiġri f 'il ħabs ta' San Pietru u Paŭl, għannak lil fizzjal ħabib tiegħu u talbu jaħfirlu m'il iżball li ħa u ħarġu t 'il carrozza miegħu. Ŭara xi żmien għadda rivista ta'r-riġment fejn chien laħak Curunell l-ieħor u meta sellem b'ix-xabla lil Cżar dana sellimlu b'tiegħu billi ħallieh fejn chien biex ma jarġax l-ura m'il firma tiegħu.

**Darba** Totò irrabja għa's-seftura Ninetta, li chienet tfajla ħelŭa tasseŭ. Il mamà kalet lil Totò :—

— « Totò busha lil Ninetta, isa. »

— « Lè, mama, ma irridx. »

— « Għala Totò ? » staksietu il mamà.

— « Għaliex Ninetta issaŭŭatni jecc inbusha. »

— « Lè, Totò, ma issaŭtecx » kaltlu il mamà.

— « Iva, mamà, » ŭiegeb Totò » il bieraħ għa'x il papà biesha f 'it-taraġ tatu dakka cbira, cbira fuk ŭiċċu. »

**Dari fl-Inghilterra**, chien hemm ligi li min nhar ta' Ħadd ijbus imkar lil martu jeŭ lil uliedu jigi iccundannat. Chienu jfittxu f 'id-djar biex jaraŭ jecc xi ħadd chienx mistoħbi u ma marx il Cnisja biex joħorġuh b'il fors u jiccundannaŭh, u chien hemm ligijiet ħorox jecc l-ingliżi jiżżeŭġu l-irlandiżi jeŭ jecc l-ingliżi jixtru minn għandhom. U illum ijsiru *meetings* għal Ferrer.

**F'il « Gaulois du Dimanche »** insibu l-istorja ta'l umbrella li hi din :

L-eŭŭel ma dehret chien f 'il-Lvant u bdiet issir m'ir-rix ta'l għasfar cbar jeŭ minn ŭerak ŭasa. F'iċ-Cina, fl-antic, chien jista jgibha l-Imperatur biss u chienet tfisser is-setgħa cbira tiegħu u li meta chienet tgħaddi f 'it-torok cullħadd chien ijrid jibbaxxa jsellmilha. Imbagħad l-Imperatur beda meta xi ŭieħed minn ta' ma' dŭaru jilħak f 'xi grad jatih umbrella ta'l ħarir micsija b'il ħaġar prezzjus; u actar ma chienet tcun cbira l-umbrella actar chien ijcun cbir il grad ta' min ijgibha. Il culur chien ijfisser dan ucoll. Sa żmienijietna l-umbrella f 'xi pajjisi għadha tfisser is-setgħa u il grad għoli ta'l cbarat. Is-Sultan Behanzin, għad li chien fl-eżilju, dejjem chien ijgigħel ŭaħda m'in-nisa tiegħu li chellu ma' dŭaru iżżomlu umbrella miftuħa fuk rasu.

L-umbrella ta'x-xita li nużaŭ illum dehret l-eŭŭel darba fl-Italja u minn hemm daħlet fi Franza għal ħabta ta'l 1640. F'il bidu id-drapp chien ijcun ijlellex : aħmar, aħdar u x'naf jien u fl-1825 biss bdeŭ ijsiru minn drapp scur. Fl-1829 bdeŭ jużaŭ fihom l-isticchi ta'l baliena; fl-1851 l-ingliż Sameŭli Fox daħħal f 'loc daŭna l-isticchi ta'l azzar, u minn dac iż-żmien lil haŭn bakgħu dejjem ijżidu fihom xi ħaġa għal aħjar sa'l ġurnata ta'l-lum.

**F 'il gŭerer** ta't-Transvaal u ta'r-Russi ma'l Ġappuniżi il clieb sŭeŭ ŭisk biex sabu il feruti. Daŭna jitilku jiġru u jxammemu u cull fejn ijsibu xi suldat ferut li ma jiflaħx ijgħaj-jat, ijgħajjtu huma biex jiġu jdeŭŭuh u jieħduh l-Isptar. Dina hi ħaġa ta' gid cbir u għalhecc kiegħdin f 'cull riġment ijrabbu ħafna clieb biex f 'il gŭerer ijservu għal dina il ħaġa.

**Il Gżira Tristan d'Acunha** hi colonja ingliża ftit magħrufa u li tinsab fl-Oceanu Atlanticu, nofs triek bejn l-Africa u l-America. Fukha ma hemmx ħlief ħamsa u sebgħin ruħ, bla Gvernatur u bla Korti u li jgħixu b'is-sajd u il ħxejjex li ijrabbu. Daŭna jircievu il posta darba f 'is-sena biss u l-aħħar darba li irceveŭ l-ittri chien f 'it 12 ta' Jannar ta's-sena li għaddiet.

**Il porvli** ivvintah it-tedesc Berthold Schwartz li chien miet billi tar fl-arja b'il porvli li ivvinta hu stess. Il chimicu Guttmann sab document antic li bih jisgurana li il porvli giè ivvintat minn dana Schwartz fl-1342, igifieri m'as-sitt mitt sena ilu.

**Biex tinduraŭ** xi oġġett ta'l metall agħmlu hecc, scond ma jgħallimna is-*Scientific American*. Hollu il gomma lacca fl-ispirtu tajjeb li tigi ċara seŭŭa, u żidu parti cull mija aciduboricu u parti f 'il mija acidu picricu. Halltu collox tajjeb u għaddu bih u taraŭ chif l-oġġett li jcun jigi donnu ta'd-deheb.

**Haŭn min jaħseb** li l-Ingliżi u il Germaniżi huma imnisslin minn razza ŭaħda, u dana l-iżball oħxon ħadu saħansitra l-Imperatur Guglielmu ta'l Germanja stess f 'discors li għamel. L-Ingliżi huma imnisslin m'iċ-Celti li geŭ m'il Isvezja u m'id-Danimarca u m'il Britanni li geŭ minn naħħa ta' fuk ta' Franza; il Germaniżi huma poplu imnissel m'il Islavi li geŭ m'il Asja u għalhecc bejn ir-razez li huma imnisslin minnhom l-Ingliżi u dic li huma imnisslin minnha it-Tedeschi hemm differenza cbira ħafna.

**F'iċ-Cina** cull familja tiftiħem ma't-tabib li għandha tatieh tant f 'is-sena b'il ftehim li jnakksulu tant cull jum cull meta jimrad xi ħadd f 'id-dar. Dana jgigħel l'it-tabib jokgħod b'għajnejh miftuħa li il clienti tiegħu ma jakgħux morda għaliex minn xi dakkiet marda tŭila tista tirvinah.

**L-alluminju** hu metall ħafif ħafna, sabiħ għa'x donnu fidda u irħis ferm. Minnu illum kiegħdin jagħmlu daŭc il ħŭejjeġ collha li chienu jagħmlu m'ir-ram m'hux biss għa'x orħos u eħfef iżda ucoll għaliex dana ma jerħix il virdirram, li hu velenu kaŭŭi. Fi Franza ġa neħħeŭ il flus ta'r-ram u kiegħdin jagħmluhom ta'l alluminju u b'hecc ŭieħed ijcollu pis ankas f 'butu u actar indafa. Il cazzoli, il borom, u it-tŭagen ta'l ccina li dari chienu jsiru ta'r-ram b'periclu cbir ta'l virdirram illum għoddhom tnaħħeŭ għal collox billi f 'lochom daħlu daŭc tant ħfief, sbieħ u ndaf dejjem ta'l alluminju. Sejjrin ijneħħu ucoll il fili elettrici ta'r-ram m'il ħbula ta'd daŭl elettricu u b'hecc ijcollhom roħs ta' actar minn nofs. Billi dan il metall sabu chif jagħmluh jiebes daks ir-ram u il ħadid, u hu irħas ħafna u bla veleni miegħu ma jdumx ma jidħol f 'lochom għal collox.

**Il Prof. J. J. Thompson** sab illi bosta metalli jatu certa rieħa li minnha tista tagħrafhom u fost daŭn ijsemmi l-uranju, metall rari ħafna, li jati rieħa kaŭŭija, u li meta dana il professur famus ried jaf x'inhija sab li minn dan il metall joħorġu u jittajru bcejjeċ żgħar ferm li ma tistax tilmagħhom b'il għaj iżda li tista tiffotografahom bħal dell u li meta tressak calamita lejhom ibiddlu id-direzzjoni tagħhom. L-istann ucoll fih rieħa għalih biss.

li kagħad ftit ħin ħusbien midd idu fuk spallet l-irsir u b'leħen imħannen kallu :—

— « Hamid eħlisni minnha int din it-tabxa... ara chif tagħmel u tŭarrabli lil Carmena minn dari... ara fejn tŭicchiha lil xi ħadd... issa jiena fejn chelli nasal ŭasalt u tħallast b'iżżejjed għal issa minn Ambroġ... »

— « U fejn nieħodha?... » staksa mibluħ Hamid.

— « Ma nafx... fejn trid... ħudha int... » ŭieġbu imfixchel De Saqueville x'ħin beda jippassiġġa ma' tul il camra imbergħen u imfettet.

Hamid meta sama dana il cliem hecc chiefer li chien ijxokk il għadam, idu ŭieħidha marret fuk il pum ta'l istallett li chellu fi ħżiemu, snienu isserraŭ, għajnejh kabżu il barra u xagħru kam xeŭc-xeŭc u għal ftit ma ŭaħħallux daktejn bih ġo'l cozz ta' għonku u ma ħalliehx minxur minn tulu fl-art. Iżda intebaħ li ma chienx hemm il loc u il ŭakt li jitħallas minnu għal chiefrija bħal dic u ma ried katt jati dic il għalja lill sidtu Carmena u f'loc li mar giebilha lil min tant chienet tħobb mar naxarulha mejjet. Telak lejn il bieb biex jiftaħ u kallu li sejjer.

De Saqueville, billi chien deħŭien jaħseb b'rasu imgħaddsa xejn ma intebaħ b'dac li chien għadda minn moħħ Hamid; taptaplu fuk spalltu, daħħal idu f'il but biex jati ftit gordi lil l-irsir li ma riedx jieħu għa'x kal li għandu, u f'il ħin li kallu li jorbot fuku u li f'cull ma jcollu bżonn jakbeż għalieh fetaħlu, talbu jara chif ijseŭŭi il praspura ma' Carmena u raġa daħal f'camartu.

Chiecu lil Hamid cont taktagħlu rasu f'dac il ħin sgur li ma chienitx toħroġ katra demm minnha: mibluħ, donnu milkut b'sajjetta, niżel it-taraġ kejsu f'ħolma u billi sab il camra ta'l beŭŭieb miftuħa, baka dieħel, tafa ŭiċċu bejn idejh u infexx jibchi bħal tarbija. Il beŭŭieb lemħu dieħel f'camartu u giè jiġri biex jara x'ġara, iżda tfixchel u baka ŭiekaf bħal mibluħ x'ħin ra lil Hamid f'dic it-telfa bichi. Resak fuku, taptaplu fuk spalltu u b'il ħleŭŭa collha staksieh xi ġralu.

— « Lili?... lili xejn... » ŭieġbu jolfok Hamid « iżda chif sejjer nakbad ingħid lil dic l-imsejcna xi ġrala?... b'liema cliem sejjer nakbad infissrilha chemm hi chiefra kalb dan il Cavalier u f'liema baħar ta' mrar tafagħha għal dejjem?... » u fi ftit cliem, bla ma ħeda m'il bichi, fehmu x'kallu De-Saqueville.

Il beŭŭieb li chien malti, xŭejjaħ u missier ħass kalbu tintgħasar, għalak il bieb ta'l camra li ma jmurx jismagħhom xi ħadd, u sabbru m'il aħjar li sata. Hamid talbu li jagħdru u li jistru m'il cliem li kal għaliex sgur ijgibu f'għali cbir; u x'ħin il beŭŭieb Nicol kallu li kejsu fada ma' missieru u fehmu m'il aħjar li sata chif għandu jgib ruħu ma' Carmena, beŭŭġu baxx, baxx m'il bieb ta' barra.

Hamid, b'kalbu imgħaŭŭma f'id-dmugħ, ħa dgħajjsa għal Marsa, u minn hemm ċaklak, ċaklak kabad it-triek lejn Musulmet fejn ma xtakx jasal ħalli ma jatix dic il bxara ħażina lil Carmena li chienet sgur titfagħha f'kiegħ ta' kabar.

Biex ma jħabbat ŭiċċu ma' ħadd għażel it-torok l-actar imŭarrba u mitluf f'il ħsiebijiet imniccta tiegħu ŭasal ma' nżul ix-xemx għand it-torca li sabha flimchien ma' Carmena jistenneŭh bħal żeŭġ erŭieħ ta'l Purgatorju. Carmena, collha imtaŭŭra, kamet b'il kiegħda fuk is-sodda u chilitu b'il mistoksijiet sfieka li għamlitlu :— «Sibtu?... x'kallec?... għa'x ma giex?... jigi il-lejla?» u infexxet tisgħol.

*(Jissocta.)*


# IL LOGĦOB TA'L LOTTU.

Hi biċċa ġenn li ŭieħed jilgħab flusu f'il-Lottu għaliex fih il flus li tilgħab, jecc ma tirbaħx, jintilfu dejjem; iżda jecc tixtrihom TITOLI B'IL PREMJU, ma titlifx flusec u tista tieħupremju ta' GHOXRIN jeŭ GHAXAR T-ELEF LIRA. F'il Lottu trid tkiegħed flus m'il ġdid cull darba; iżda meta tixtri TITOLU B'IL PREMJU toħroġ flusec darba biss, u jecc ma tieħux premju darba tista tieħdu sa ħafna snin, igifieri sa chemm targa iddaħħal almenu il flus li tcun ħriġt bl-imgħax tagħhom. B'hecc tcun stajt irbaħt premji cbar bla ma tlift XEJN m'il but. Biss billi daŭna it-titoli huma ftit għaljin il « Cassa di Providenza e Risparmio» ta' Sda Forni, Nu 87, il Belt, tati ħames titoli differenti bi tmintax irbigħi f'ix-xahar, u titoli ta'l Panama b'il ħames xelini f'ix-xahar u tcunu tistgħu tieħdu il premji li jitilgħu m'il eŭŭel pagament. B'hecc tcunu kiegħdin tfaddlu ħames xelini f'ix-xahar, li joctru bl-imgħax u tista tieħu bihom premji cbar. Min irid jiftihem aħjar ijmur fejn semmejna.

It-**Tabib G. Ciarrocchi**, Principal ta'l Isptar ta' S. Gallicanu ta' Ruma, faħħar ħafna iil

## FERMENTIN

billi kal li dana jgħin lil l-istoncu biex ijmixxi l-ichel li jidħol ġo fih u li jati saħħa lil gisem biex ijcheċċi daŭc il mardijiet collha li jcun richeb; u li hu sabu tajjeb ħafna f'it-tračni u l-imsiemer u f'il mardijiet l-oħra ta'l gilda. Għala mela ma tippruvaŭhx intom ucoll.

Il Chirurgu-Dentista Alfonsu Urso resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Ġdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.



Min hu marid bl-ANEMIJA (lakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

## L'ELIXIR
## TA' S. VINCENS DE PAOLI

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh lukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbiegħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# GHA'N = NERVUSI !

Meta tħossoc għajjien, kalbec seŭda, nifsec maktugħ, bla rkad u bla aptit, tisħon għal xejn; meta tara collox icreħ, cullħadd jobogħdoc, collox imgħaŭŭeġ f'il ħajja u tibchi jeŭ tidħak għal xejn b'xejn ijcolloc dic il marda li jsejjħulha

**NEVRASTENIJA**

u jecc tasseŭ hemm medicina li tista tfejjakha jeŭ li tagħmillec ħafna gid hi

## L=ANTINEVROTICU

TA'L

**Prof: DE GIOVANNI**

li chiteb l-isbaħ opra fuk dina il marda, u li giet imfaħħra ħafna m'il aħjar tobba ta'l Italja. Timbiegħ fi fliexchen għand

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

ta' kuddiem il Club ta' Strada Rjali ta'l Belt.

IPPRUVAUHA! GID TISTA TAGHMEL BISS.

Min ijrid ijdaħħal il gas jixtri calamiti jeŭ kniepen elettrici u ijrid min ijŭaħħalhomlu jeŭ ijseŭŭihomlu seŭŭa u bi prezzijiet ħelŭin ijmur għand **Enricu Calleja**, 43 Sda. Sta. Lucia, il Belt.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il aħjar u m'il orħos?
Ixtru is-sigarretti "Special" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbigħu f'il ħŭienet principali.
F'daŭna is-sigarretti hemm l-armi ta'l cunjomijiet.

Min ijcun ijrid jircanta xi hag'a u jrid jitlakha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgħ għandu jatic il flus, li jcunu dahlu f'idejc; u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur għand

Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

fejn ijsib ucoll għal bejgħ cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irħas tasseu.

Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI TAD-DEHEB GHAL KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA




C. CAMILLERI & SONS

50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.

Ir-"Nahla" tistampa ruħha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xogħol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irħas ferm.